**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' April 2020.**

**Rikors nru: 88/2020 AGV :**

**AB (ID nru: 352180 M)**
**U**
**CB (ID nru:41480M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet** datat 27 ta' Frar 2020, fejn esponew bir-rispett;

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit- 8 ta' Dicembru 2006 u z-zwieg taghhom gie registrat fir-registru pubbliku ( certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A) u minn daz-zwieg twieled binhom D li ghadu minorrenni ;
2. Illi l-partijiet ottejnew s-seperazzjoni minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Timothy Ellis fis- 17 ta' Dicembru 2019 (kopja tal-kuntratt mmarkata Dok. B hawn anness) fejn kwistjonijiet dwar

access, kura u kustodja u manteniment tal-minuri Matthew kif ukoll dawk relatati mas-seperazzjoni tal-beni tal-partijiet gew indirizzati;

3. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli jew remot ghal rikonciljazzoni bejniethom;
4. Illi inoltre' il-partijiet ilhom ma jghixu flimkien bhala koppja mizzewwga mil- 10 ta' Frar 2014 u ghalhekk jissodisfaw il-vot tal-ligi li jrid li dan il-perjodu jkun ta aktar minn erba 'snin mill-ahhar hamsa qabel illum;
5. Illi l-esponenti huma cittadini Maltin u t-tnejn domicljati Malta;
6. Illi l-partijiet huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin ghaliex it-tnejn li huma jahdmu bi qliegh u fi kwalunkwe kaz, ai termini tal-artiklu 3 tal-imsemmi kunttatt, iddikjaraw reciprokament li ddekadew mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;
7. Illi ghal rigward tal-minuri D, il-partijiet jiddikjaraw li qed jircievi mantiment adegwat u dana skont il-kontribuazzjoni u l-modalita' miftehiema fi klawzola 11 (g) tal-kuntratt isemmi, u inoltre' ma hemmx pendenzi bejn il-partjiet fir-rigward;
8. Illi l-esponenti jixtiequ li jigi ppronunzjat id-divorjzu bejniethom;
9. Illi dawn l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, tal-Ligijiet ta' Malta.
10. Illi din it-talba ghal divorzju ma ghandhiex tippregudika l-kundizzjonijiet pattwiti fil-kuntratt ta' seperazzjoni.
11. Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**